# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 19**

**Ċitazzjoni numru 1602/93 AF**

**George Schembri**

**v.**

**Mark Portelli**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Mark Portelli mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' April 2013, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti:

- tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tgħaddi biex, prevja li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, tiċħad it-talbiet tal-attur; jew fin-nuqqas,

- tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-imgħaxijiet fuq is-sorte m'għandhomx jeċċedu s-somma ta' €1,153.72;

- bl-ispejjeż kemm taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur appellat.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni mressqa minn George Schembri, li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

"Il-konvenut bhala proprjetarju u gestjonarju tad-ditta Raffaele Portelli and Sons (1917) ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija hamsa u disghin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm495.29) bhala bilanc ta' differenza fil-paga, bonus, allowance, leave u commission naxxenti mill-impjieg tal-attur mad-ditta msemmija;

"Ghalkemm interpellat ihallas l-ammont pretiz, huwa baqa' inadempjenti.

"Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija hamsa u disghin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm495.29) dovuti kif fuq intqal.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Novembru 1993 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-3 ta' Dicembru 1993 u bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

"Il-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Portelli, li in forza taghha eccepixxa illi:

"In linea preliminari, l-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione materiae" stante illi l-konvenut huwa kummercjant u l-attur kien impjegat mal-konvenut fl-ezercizzju ta' dan il-kummerc.

"Fuq il-meritu, il-konvenut ma jinsabx debitur lejn l-attur, billi kwalsiasi paga, bonus, allowance, leave u commission talvolta dovuti lill-attur

naxxenti mill-impjieg tieghu mal-konvenut, thallsu kollha mat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-2 ta’ Mejju 1994, li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

“Rat il-verbal tal-Qorti diversament presjeduta fejn gie ordnat illi din il-kawza timxi flimkien ma’ kawza Nru. 24/94 pendenti quddiem il-Qorti bejn l-istess partijiet.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 1994, li permezz tieghu gie mahtur mill-Qorti diversament presjeduta, l-Avukat Edgar Depasquale bhala perit legali.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Lulju 1994, fejn il-perit legali fuq imsemmi gie sostitwit bl-Avukat Veronica Galea Debono li giet mahtura bl-istess inkarigu.

“Rat ir-rapport tal-fuq imsemmija Avukat Veronica Galea Debono minnha konfermat bil-gurament fis-27 ta’ Frar 2009.

“Rat il-verbali tas-seduti u traskrizzjonijiet ta’ xhieda moghtija quddiem il-perit legali.

“Rat in-nota ta’ kritika mressqa mill-konvenut ghar-relazzjoni tal-perit legali.

“Rat li, ghalkemm l-attur gie moghti l-fakulta’ li jirrispondi ghall-fuq imsemmija nota ta’ kritika, dan ma sarx.

“Rat l-atti kollha.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“L-attur f’din il-kawza qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu dawk il-flus li ghadhom dovuti lilu wara t-tmiem tal-impjieg tieghu mal-konvenut.

“Jirrizulta illi l-attur kien impjegat mal-konvenut ghall-perjodu ta’ zmien. Kien jithallas paga, bonuses u commissions u kien ukoll intitolat ghal-leave. Meta temm l-impjieg tieghu, huwa jsostni li kien ghadu dovut hlasijiet. Il-konvenut isostni li kien hallsu dak kollu li kien dovut lilu.

“Ikkunsidrat illi l-perit legali mahtura mill-Qorti kkonkludiet illi:

"*"Ghal dawn il-motivi kollha, l-esponenti umilment jidhrilha illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda, u li t-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.*"

"Il-perit legali waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut ma kinitx affidabbli ghaliex wisq inverosimili, dana peress illi l-konvenut stess stqarr li kien konsapevoli li setghu jinqalghu problemi mal-attur rigwardanti hlasijiet, ghalhekk ha mieghu xhud meta sar l-allegat hlas dovut. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ssibha difficli temmen kif, allura, il-konvenut ma talab ebda ricevuta meta hallas, dan galadarba li kien diga' hemm dizgwid bejn il-partijiet.

"Inoltre, l-istess perit legali, li semghet viva voce lix-xhud, anke in kontro-ezami kkonkludiet li:

"*"... deher konfuz ghall-ahhar. Ix-xhieda tieghu ma kienet xejn konvincenti u x-xhud kellu kull darba jirreferi ghall-affidavit tieghu u jdum hafna biex jirrispondi kull domanda, anke meta kienu qeghdin isirulu domandi semplici u fattwali. Ix-xhud kien anke deher donnu qieghed jibza' u kien ta' spiss ihares lejn il-konvenut qabel ma jirrispondi. Alavolja fl-affidavit tieghu, John Bajjada stqarr li kien prezenti meta l-konvenut kien hallas lill-attur bejn wiehed u iehor xi Lm500, l-esponenti, pero', jidhrilha li x-xhieda ta' dan John Bajjada m'hijiex wahda affidabbli u ghalhekk ma tistax tistrieh fuqha.*"

"Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux ixejjen dak li jsostni l-attur u cioe' li l-ammont minnu reklamat ghadu dovut. Ghar-rigward tal-konteggi, din il-Qorti fliet, kif ghamlet ukoll il-perit legali qabilha, id-dokumenti mressqa partikolarment dawk mahruga mill-awtoritajiet tal-Labour Office skont il-ligi vigenti dak iz-zmien. Dawn kollha, fil-fehma tal-Qorti, jippruvaw it-talba tal-attur.

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lil Mark Portelli jhallas lil George Schembri s-somma ta' elf, mija u tlieta u hamsin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,153.72) ekwivalenti ghal erba' mija hamsa u disghin Lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm495.29), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mark Portelli."

## Rikors tal-appell tal-konvenut tat-30 ta' April 2013

**3.** Il-konvenut ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti (fejn straħet totalment fuq ir-rapport tal-perit legali) u għalhekk interpona dan

l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti.

*Mhux minnu li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut*

**4.** Fl-ewwel lok il-konvenut appellant jinsisti li s-somma ta' Lm495.29[1] mitluba mill-attur mhux dovuta, għaliex kif eċċepixxa fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, jgħid li huwa diġa` ħallas lill-attur. Huwa jilmenta bil-fatt li l-perit legali kkonkludiet li t-talba tal-attur kellha tintlaqa' (kif fil-fatt għamlet l-ewwel Qorti).

**5.** Huwa jelenka (u jittanta jxejjen) ir-raġunijiet li fuqhom il-perit legali ibbażat il-konklużjoni tagħha. Jirreferi wkoll għax-xhieda mogħtija mill-attur in kontro-eżami u jirrileva li l-istess attur kien pjuttost konfuż dwar diversi aspetti, bħal "*leave*" u l-ħlasijiet li kienu jsiru minnu (l-konvenut). Min-naħa l-oħra jelenka sensiela ta' provi li flimkien, skont hu, kellhom juru kif fuq bilanċ ta' probabilitajiet huwa iktar verosimili li huwa kien effettivament ħallas lill-attur dak kollu dovut lilu wara t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu.

*L-imgħaxijiet m'għandhomx jeċċedu s-sorte*

**6.** Fit-tieni lok jaċċenna għall-fatt li skont is-sentenza appellata ġie li għandu jħallas €1,845.96 bħala imgħax, u cioe` aktar mis-sorte ta' €1,153.72. Isostni li dan huwa skorrett billi kwalsiasi imgħaxijiet talvolta

[1] Ekwivalenti għal €1,153.72

dovuti minnu m'għandhomx jeċċedu s-sorte.

**Konklużjoni tal-perit legali (addottata ukoll mill-ewwel Qorti)**

**7.** Il-perit legali osservat illi l-verżjonijiet tal-partijiet huma ferm kontrastanti. Il-verżjoni tal-attur hija li wara li intemm l-impieg tiegħu, huwa kellu żewġ inkontri mal-konvenut fejn ġiet diskussa l-pendenza odjerna, u li l-konvenut kien fil-fatt qed jaqbel li kien għad baqagħlu jagħtih xi flus, għalkemm inqas minn dak li qed jippretendi f'din il-kawża. Min-naħa l-oħra l-verżjoni tal-konvenut hija li mat-terminazzjoni tal-impieg tal-attur huwa kien ikkonsulta mal-*accountant* tiegħu sabiex jara x'ammonti kienu dovuti lilu in linea ta' bonusijiet, kummissjonijiet, *leave* u *allowances*, u li effettivament ħallsu kull ma kien dovut lilu.

**8.** Il-konklużjoni tal-perit legali kienet li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut kellha tiġi miċħuda u t-talba tal-attur kellha tintlaqa' fl-intier tagħha. L-ewwel Qorti addottat u għamlet tagħha dik il-konklużjoni.

**Sfond kronoloġiku**

**9.** L-attur George Schembri kien impjegat bħala *salesman* mad-ditta Raffaele Portelli & Sons (1917), ġestita mill-konvenut Mark Portelli. L-impieg tiegħu beda fit-3 ta' Ġunju 1991 u ġie tterminat fis-27 ta' Frar

1993 minħabba *redundancy*. Huwa kien ibiegħ ġugarelli, *stationery*, *inflatables* tas-sajf, u *souvenirs* lill-ħwienet.

**10.** Ma kienx hemm kuntratt ta' impieg bil-miktub, iżda skont l-attur il-kundizzjonijiet tiegħu kienu s-segwenti:

- kien jaħdem 45 siegħa fil-ġimgħa (mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-08.00 sas-13:00 u mill-16:00 sas-19:00; is-Sibt mit-08:00 sas-13:00);

- il-paga grossa kienet ta' Lm45 fil-ġimgħa;

- kellu *commission* fuq il-flus li kien jiġbor mill-bejgħ li jagħmel[2];

- kellu *bonus* u *weekly allowance* skont il-liġi;

- kien intitolat għal *vacation leave* skont il-liġi.

**11.** Wara t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu, l-attur ikkalkula li kien għad fadallu jirċievi Lm621.29. Huwa mar id-Dipartiment tax-Xogħol u skont l-informazzjoni li tahom, ċertu Arthur Miceli mid-Dipartiment tax-Xogħol kiteb ittra datata 1 ta' Marzu 1993[3] lill-konvenut fejn ordnalu jibgħat ċekk fl-ammont ta' Lm621.29 lill-attur fi żmien ġimgħa. L-ammont

[2] Filwaqt li l-attur xehed li l-*commission* kien ta' 2% f'każ li jiġbor il-flus fi żmien xahar minn meta jagħmel il-bejgħ u 1.5% jekk jiġbor il-flus aktar tard minn xahar wara l-bejgħ, il-konvenut xehed li l-*commission* invece kien ta' 2.5% f'każ li jiġbor il-flus fi żmien xahar minn meta jagħmel il-bejgħ u 1% jekk jiġbor il-flus wara tali żmien.
[3] Dok GS1, fol. 110

ta' Lm621.29 inħadem hekk:

(a) 50c differenza fil-pagi from 01.01.93 to 27.02.1993 Lm4.00,0

(b) bonus (December 1992) Lm58.00,0

(c) bonus (01.01.93 to 27.02.93) Lm18.43,2

(d) *weekly allowances* (01.10.92 to 27.02.93) Lm31.50,0

(e) kumpens minflok 28 jum *vacation leave* matul l-1992 Lm168.60,6

(f) kumpens minflok 4 ijiem *vacation leave* matul 1993 Lm24.75.3

(g) commission fuq bejgħ għall-aħħar 6 xhur fl-impieg Lm290.00,0

(h) 50c differenza fil-pagi għas-sena 1992 Lm26.00,0

**Lm621.29,1**

**12.** Il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal li kien irrefera tali ittra lill-*accountant* tiegħu, Patrick Camilleri, u dan tal-aħħar bagħtlu *fax* fir-rigward, liema *fax* (mingħajr data, u mingħajr firma, u li qatt ma ġiet ikkonfermata mill-istess Patrick Camilleri) ġiet esebita bħala Dok MP3[4]. Il-*fax* tgħid hekk:

[4] Dok MP3, kopja ta' fax mibgħuta minn Patrick Camilleri lill-konvenut, fol. 145

"With reference to the letter dated 1st March 1993, please note the following:

"(a) There exists no difference of 50c wages for the period 01.01.93 to 27.02.93) as accoring to TX34 sent to Commissioner of Inland Revenue they are according to Government Minimum Wage.

"(b) Bonus for December 1992 has been paid cash in the presence of Mr John Bajada, and Mr George Schembri confirmed that he took them in front of Mr Oliver Pulis and John Bajada. Bonus for the period 01.01.93 to 27.02.93 and weekly allowances for the period 01.10.92 to 27.02.93 were also paid cash in front of John Bajada.

"(c) Compensation in lieu of vacation leave not taken amounted to 22 days and he was paid for them in cash in front of John Bajada. Total amount paid amounted to Lm132.44. No compensation is due for leave in 1993 as he had already availed himself of his leave.

"(d) No commission is due.

"(e) We agree that there is a difference in wages amounting to Lm26 for the year 1992."

**13.** Minkejja li skont l-*accountant* kienet dovuta biss is-somma ta' Lm26, l-attur baqa' jinsisti fuq l-ammont kollu indikat fl-ittra tal-1 ta' Marzu 1993, tant li kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenut fuq rapport tad-Dipartiment tax-Xogħol abbażi tal-imsemmija ittra. Il-konvenut eventwalment ġie lliberat minn kull akkuża ħlief għall-Lm26 li huwa stess ammetta li kienu dovuti. (Kopja tas-sentenza ma tidhirx li ġiet esebita fl-atti).

**14.** Mario Caruana, Prinċipal fid-Dipartiment tax-Xogħol, fix-xhieda tiegħu[5] kkonferma li fil-fatt kienu infetħu proċeduri kriminali kontra Mark Portelli, u li fit-13 ta' Lulju 1993 ġie liberat mill-akkużi kollha ħlief fir-

[5] Xhieda ta' Mario Caruana, 18.03.1999, fol. 95-96

rigward tal-"*cost of increase*" u ġie ordnat iħallas is-Lm26 indikati fid-Dok GS1.

**15.** L-attur fix-xhieda tiegħu[6] spjega li fir-rigward tas-somma ta' Lm290 pretiża minnu fir-rigward ta' kummissjonijiet, il-konvenut kien avvanzalu Lm100 qabel ma spiċċa l-impieg, liema somma kien nesa' jirilevaha lid-Dipartiment tax-Xogħol. Spjega wkoll li fir-rigward tas-somma ta' Lm26, din tħallset wara li l-konvenut ġie ordnat iħallasha mill-Qorti tal-Maġistrati (fil-kawża fuq imsemmija). Għaldaqstant wara li naqqas l-ammonti ta' Lm100 u Lm26, l-attur irriduċa l-pretenzjoni tiegħu minn Lm621.29 għal Lm495.29, kif fil-fatt mitlub fiċ-ċitazzjoni.

**16.** Fl-4 ta' Novembru 1993[7] id-difensur tal-attur kiteb lill-konvenut fejn b'referenza għas-sentenza tat-13 ta' Lulju 1993 aċċenna għall-fatt li għalkemm ġie kkundannat iħallas biss Lm26 mill-ammont pretiż, "*L-istess sentenza pero` ma eskludietx li l-bilanċ tal-ammont pretiż mill-klijent tiegħi mhuwiex dovut*." Għalhekk interpellah iħallas l-ammont ta' Lm495.29.

## **Provi**

**17.** L-attur George Schembri xehed illi huwa kien jitħallas il-paga

[6] Xhieda tal-attur George Schembri, 10.05.1995, fol 85-86
[7] Dok GS2, fol 111

tiegħu fi flus kontanti kull ġimgħa. Spjega li l-paga tiegħu kienet fissa u li l-"*commission*" kienet tinħadem minn oħt il-konvenut. Isostni li l-aħħar "*commission*" dovuta lilu għall-perjodu ta' bejn Lulju 1992 u Frar 1993 ma tħallsitx.

**18.** Kontro-eżaminat qal li fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu (fis-27 ta' Frar 1993) ma jiftakarx l-ammont li kien ħallsu l-konvenut, iżda jsostni li dan kien ikopri biss il-paga. Xehed illi l-paġa kien ħadha, u ma kinitx tinkludi l-*weekly allowance*. Dwar il-bonusijiet ta' Ġunju u ta' Diċembru, qal li jiftakar li tħallas dak ta' Ġunju 1992 iżda ma kienx ċert jekk kienx tħallas ta' Diċembru 1992. Dwar il-*leave* tal-1992, qal li dik is-sena ħa ħamest ijiem u nofs, iżda ma jiftakarx meta. Imbagħad pero` ippreċiża li fl-1992 ħa tlett ijiem u nofs *leave* u mhux ħamest ijiem u nofs kif xehed ftit qabel. Dwar il-*leave* tal-1993 qal li din is-sena "*ma jidhirlix li ħadt xejn bħala leave*". Dwar l-*allowances* ta' Marzu u ta' Settembru, qal li dawn ħadhom. Mistoqsi jagħti *breakdown* dwar kif wasal għall-ammont ta' Lm190 li huwa qed jippretendi in linea ta' kummissjonijiet, huwa rrisponda illi "*breakdown m'għandix għaliex oħt il-konvenut kienet waslet għal din il-figura u qalituli hi. Dan l-ammont qalituli qabel ma kont spiċċajt l-impieg.*"

**19.** L-attur xehed ukoll illi l-konvenut kien bagħat għalih darbtejn biex jerġa' jibda' jaħdem miegħu. L-ewwel darba jidher li kienet fiż-żmien li

kienet għaddejja l-kawża **Pulizija v. Mark Portelli** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (kif fil-fatt jirriżulta mit-traskrizzjoni ta' konverżazzjoni telefonika li kellhom fl-14 ta' Ġunju 1993). L-attur jgħid li kellu jagħti "*risposta"* lill-konvenut "*sal-weekend*" iżda ma setax jikkuntattjah. L-attur insista mal-konvenut li qabel jibda x-xogħol kellhom jissetiljaw il-biċċa xoghol ta' qabel u l-konvenut kien qallu "*Mela le*". Jidher mill-aħħar parti ta' din il-konverżazzjoni illi l-intiża kienet li l-konvenut l-għada kellu jidher il-Qorti u jinfurmah li "*jien u George wasalna għal agreement*" u jipposponu għal ġimgħa.

**20.** L-attur fix-xhieda tiegħu spjega li meta effettivament tkellmu l-ewwel darba dwar il-possibilita` li jerġa' jaħdem mal-konvenut, huwa ma aċċettax l-offerta li kien għamillu (u għalhekk ma waslux għall-"*agreement*" mixtieq). Jgħid li mbagħad meta mar it-tieni darba (jidher li dan kien wara li inqatgħet il-kawża tal-Maġistrati) huwa semmielu l-ammont li qed jippretendi f'din il-kawża (Lm495.29) u jgħid li l-konvenut qabel miegħu ħlief għal diskrepanza ta' ftit liri li l-konvenut qallu jagħtihomlu ftit ftit jekk jerġa jibda jaħdem miegħu. Żied li biex il-konvenut wasal biex qabel miegħu fuq is-somma ħlief għal ftit liri uża calculator bir-roll fih, u ħareġ quddiemu *"chit"* bil-kalkoli msemmija. Din ic-"*chit*" ġiet esebita mill-attur bħala Dok GS6[8] u fil-fatt tindika ammont

[8] Dok GS6, fol 115

ta' Lm423.71 u magħhom – bil-kitba tal-attur[9] - jidher li ġie miżjud l-ammont ta' Lm12 biex it-total ġie Lm435.71. L-attur spjega illi kien qal lill-konvenut illi biex jerġa' jmur jaħdem miegħu ried ċertu kundizzjonijiet u f'mument minnhom il-konvenut semmielu l-kundizzjoni li kellu jilħaq tragward ta' bejgħ ta' Lm60,000. Qal li wara li imponielu din il-kundizzjoni huwa telaq 'il barra mingħajr ma kompla jiddiskuti l-bqija tal-kundizzjonijiet. Għalhekk anke f'din it-tieni darba li ltaqgħu ma kienx intlaħaq ftehim.

**21.** Mario Caruana (mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet) xehed illi d-Dipartiment kien fetaħ *file* dwar il-kwistjoni tal-attur fl-1 ta' Marzu 1993 - cioe` meta Arthur Miceli kien kiteb l-ittra fuq imsemmija lill-konvenut (Dok GS1). "*Schembri kien allega illi kellu jieħu xi ammonti ta' flus mill-kumpanija li kien jaħdem magħha … li kellu jieħu l-ammonti elenkati fil-paragrafi (a) sa (h) fl-imsemmija ittra li intbagħtet mis-sur Miceli lill-konvenut fl-1 ta' Marzu 1993".*

**22.** Connie Mizzi (oħt il-konvenut) fl-affidavit tagħha kkonfermat li hija kienet taħdem il-kummissjonijiet tal-attur. Ikkonfermat illi huwa spiċċa mill-impieg għall-bidu tas-sena 1993 u li hi spiċċat xi ftit xhur warajh. Hija sostniet li sal-aħħar tal-impieg tiegħu George Schembri dejjem tħallas kull *commission* dovuta lilu. Żiedet li George Schembri qatt ma

[9] Dan qed jingħad għaliex tidher li hija l-istess kitba (bl-istess kulur ta' inka ħamra) li tidher fuq id-Dok GS5.

lmenta magħha dwar il-*commissions* li kienet taħdimlu, jew li kien għad kellu jitħallas xi parti minn dawn il-*commissions*.

**23.** Kontro-eżaminata qalet li fl-affidavit tagħha xehdet illi l-attur dejjem tħallas kull *commission* dovuta lilu mhux għaliex rat lil ħuha jħallas tali kummissjonijiet lill-attur iżda għaliex kien hemm proċedura li kienet issir regolari u konsistenti filli l-attur ifakkarha meta l-kummissjonijiet kienu jkunu qegħdin jakkumulaw u imbagħad hija kienet tgħaddihom lil ħuha. Qalet li mill-aħħar darba li hija ħadmet il-*commissions* tal-attur sa meta huwa telaq mill-impieg ma kienx għadda ħafna żmien.

**24.** John Bajada, (*salesman* ieħor mal-istess kumpanija fil-perjodu bejn l-1990 u l-1995) fl-affidavit tiegħu xehed illi jiftakar li l-attur kien waqaf jaħdem mas-soċjeta` Raffaele Portelli & Sons Ltd fil-bidu tas-sena 1993. Qal li ftit qabel ma waqaf huwa kien fil-maħżen tas-soċjeta` fi Triq San Pawl, il-Belt u dakinhar, l-attur u l-konvenut iddiskutew xi *bonuses*, ħlasijiet ta' *leave*, *commissions* u xi affarijiet oħra li kellhom x'jaqsmu ma' pagi iżda ma kienx jiftakar preċiżament il-figuri. Kien jaf li bejn wieħed u ieħor l-ammont kien xi ħames mitt lira Maltija u George Schembri ħallsu fi flus kontanti u qal xi kliem fis-sens li huma *'square'* u għalhekk assuma li George Schembri kien waqaf jaħdem mas-soċjeta` Raffaele & Sons Ltd u li kienu rranġaw u kollox kien sew iżda

kkonċeda li seta kien assuma ħazin. Jgħid ra b'għajnejh li għaddew bejn wieħed u ieħor Lm500.

**25.** Oliver Pulis fl-affidavit tiegħu spjega li fiż-żmien li l-attur kien impjegat mas-soċjeta` Raffaele Portelli & Sons, huwa kien jaħdem *part-time*. Qal li jiftakar okkażjoni partikolari wara li l-attur kien spiċċa mill-impieg tiegħu sema lill-attur ikellem lill-konvenut dwar xi flus li kien qed jippretendi li kien baqagħlu jieħu waqt li l-konvenut kien qiegħed isostni mal-attur illi kellu jtih biss ammont żgħir ta' flus – ċifra żgħira ta' mhux aktar minn Lm30.

**26.** Il-konvenut Mark Portelli fl-affidavit tiegħu xehed illi huwa kien kostrett jittermina l-impieg tal-attur minħabba "*redundancy*" peress li l-bejgħ kien nieżel ħafna. Qal li għaldaqstant tah in-*notice* u għamel kuntatt mal-*accountant* tiegħu, ċertu Patrick Camilleri "*sabiex jistabbilixxu l-ammonti kollha li kellhom jitħallsu lil George Schembri mat-tmiem tal-impieg tiegħu. Nippreċiża li l-commissions kienet taħdimhom Connie Mizzi filwaqt li l-accountant kien qalli x'kienu l-ħlasijieti li kellhom isiru bħala paga, bonus, allowances, kif ukoll il-kumpens dovut għall-vacation leave li ma kienx ħa George Schembri"*.

**27.** Kompla jgħid illi peress li ħass li setgħet tinqala' xi problema, ħa ħsieb biex meta jagħlaq il-kontijiet mal-konvenut ikun hemm xhud

preżenti, u għalhekk bagħat għal John Bajada. Dakinhar kif daħal George Schembri ħareġ il-karta bil-konteġġi kollha tal-ħlasijiet li kellhom isirulu skont l-*accountant* tiegħu u ħallas lill-attur f'kontanti fil-preżenza ta' John Bajada. Żied li meta l-konvenut rċieva l-flus Schembri ma kien qajjem ebda oġġezzjoni.

**28.** Huwa jiċħad li qatt issuġġerixxa lill-attur li jerġa' jmur jaħdem miegħu u jgħid illi invece kien l-attur li issuġġerixxa li jerġa' jibda' jaħdem miegħu iżda jgħid li huwa qatagħlu d-diskors mill-ewwel u qallu li dan ma kienx possibbli. Jiċħad li qatt iddiskuta l-kundizzjonijiet elenkati fid-Dok GS5.

**29.** Kontro-eżaminat qal li dakinhar li ħallsu quddiem John Bajada *"ikkonkludejna kollox*". Kompla jgħid li lill-konvenut quddiem John Bajada ħallsu cirka Lm500 *iżda riċevuta ta' dan il-pagament ma kellux għaliex ma basarx li ser jaslu s'hawn u George kien qallu li kienu "square".* Qal li kien wara li ħallas lill-attur li dan beda jippretendi li kellu jitħallas iżjed. Aċċenna għall-fatt li fil-kawża (kriminali) li saret kontra tiegħu ġie deċiż li kellu jħallas biss Lm26, liema ammont imbagħad kien ħallsu.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*Dwar l-ammont allegatament dovut mill-konvenut lill-attur*

**30.** Din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti, is-sentenza appellata u r-rikors tal-appell tal-konvenut, tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**31.** Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali)[10] li, skont ma jirriżulta mill-provi, sabet lill-konvenut ħati fir-rigward tas-somma ta' Lm26 rappreżentanti l-"*cost of living increase"* u lliberatu fir-rigward tal-akkużi l-oħra (elenkati fl-ittra tal-1 ta' Marzu 1993) għalkemm tista' tkun ta' xi indikazzjoni ma hix waħedha konklużżiva speċjalment inkwantu għall-ammont effettivament dovut mill-konvenut appellant.

**32.** Anke jekk mat-tmiem tal-impieg tal-attur il-konvenut ħallas lill-attur somma flus u l-attur qallu li ġew "*square*", dan fil-fatt ma jeskludix li l-istess attur seta' eventwalment induna li kien għad kellu x'jieħu mingħand il-konvenut in konnessjoni mal-impieg tiegħu.

**33.** It-traskrizzjoni tal-konverżazzjoni telefonika bejn il-partijiet tal-14 ta' Ġunju 1993 (li saret xhur wara li ġie tterminat l-impieg tal-attur u fil-mori tal-proċeduri kriminali) tikkontradiċi għal kollox il-verżjoni tal-

[10] Li ma tidhirx esebita fl-atti

konvenut meta jgħid li mhux minnu li kien offra lill-attur impieg mill-ġdid miegħu bħala *salesman*. Tali konverżazzjoni telefonika mhux biss tikkonferma li l-konvenut kien offra lill-attur li jerġa' jmur jaħdem miegħu bħala *salesman*, iżda turi wkoll li l-partijiet kienu wkoll tkellmu fuq *"settlement"* - evidentement fir-rigward tal-ammont bilanċjali pretiż mill-attur in konnessjoni mal-impieg tiegħu.

**34.** F'dan ir-rigward hija ta' rilevanza sostanzjali iċ-"*chit*" esebita bħala Dok GS5, ikkonfermata bil-ġurament tal-attur, li telenka s-segwenti ammonti:

| |
|---|
| 4.00 + |
| 18.43 + |
| 31.50 + |
| 111.60 + |
| 190.00 + |
| 68.18 + |
| **423.71** |

**35.** Jekk wieħed iqabbel dawn l-ammonti mal-ammonti li huma indikati fl-ittra tal-1 ta' Marzu 1993 jifhem li dawn l-ammonti fil-fatt huma marbutin mal-pretenzjoni tal-attur li wasslet għall-proċeduri kriminali u għall-azzjoni odjerna. Dan id-dokument jissustanzja x-xhieda tal-attur fejn jgħid li meta, sussegwentement għat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu, huwa kien semma' lill-konvenut il-flus mertu tal-kawża odjerna "*hu qabel miegħi ħlief għal diskrepanza ta' ftit liri*". Din il-Qorti fuq bażi ta' probabbilita` hija tal-fehma li allura hija wkoll affidabbli l-verżjoni tal-attur meta jgħid li l-konvenut kien qallu li "*jekk nibda nerġa' naħdem*

*miegħu itihomli ftit ftit*."

**36.** Il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'materja ta' apprezzament ta' provi hi ormai ben stabbilita u hi fis-sens li bħala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax bla raġuni gravi u impellenti l-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti[11].

**37.** In vista' ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tiddisturba d-deċiżjoni tal-perit legali (u tal-ewwel Qorti) inkwantu kkonkludew li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur, b'dan iżda li t-talba għandha tiġi ridotta minn Lm495.29 għal Lm423.71[12] għaliex il-Qorti ssib li l-istess konvenut kien ammetta li kien għad fadallu jagħti lill-attur tali ammont u l-attur ma rnexxilux jipprova li l-ammont dovut lilu kien akbar.

*Dwar il-kwistjoni ta' jekk l-imgħaxijiet jistgħux jeċċedu s-sorte*

**38.** Kif fuq spjegat, il-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu jargumenta illi skont is-sentenza appellata, fejn ġie ordnat li jitħallsu l-imgħaxijiet mid-data tal-preżentazzjoni taċ-ċitazzjoni (21 ta' Diċembru 1993) sad-data tal-pagament effettiv, jiġi li l-imgħaxijiet jeċċedu s-sorte. Fil-fatt anke fuq l-ammont ta' Lm423.71, kif ridott minn din il-Qorti mis-somma

[11] Ara fost ħafna oħrajn Q App **Joseph Grech Sant noe v. L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et noe**, 28/2/1997

[12] Din il-Qorti mhux ser tikkonsidra l-ammont ta' Lm12 miktub bl-inka ħamra li jidher li żdied fuq iċ-*"chit"* mill-attur stess

pretiża ta' Lm495.29, jiġi li l-imgħaxijiet jeċċedu s-sorte.

**39.** Il-konvenut appellant jidher li qed jirreferi għar-regola tal-*ultra duplum* iżda din mhix applikabbli għall-każ odjern li si tratta ta' kanoniżżazzjoni ta' flus b'sentenza. Issir riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta plc v. Carmelo Farrugia Melfar Ltd et** deċiża minn din il-Qorti tal-Appell Superjuri fit-30 ta' Ottubru 2015 fejn ġie ritenut hekk:

> "13. Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-Lex 27 Cod. de usuris – li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital – u fin-Novelli 121 u 138 – li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġa imħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital[13]. Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislattivi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-leges fenebres u r-regola kontra l-anatoċiżmu, li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, i.e. usuræ quæ officio iudicis præstantur.
>
> 14. Barra minn hekk, ġie stabbilit ukoll illi r-regola ultra duplum ma tolqotx imgħaxijiet fuq il-passiv fejn tingħata faċilita` ta' overdraft[14].
>
> 15. Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti illi r-regola "hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu", iżda "mhux applikabbli għal kuntratt ta' overdraft" u wkoll "ma hix applikabbli fil-każ ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza". (sottolinear ta' din il-qorti)

## Decide

**40.** Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' l-appell limitatament billi tiddikjara li l-ammont li l-konvenut għandu

---

[13] Għalkemm il-*lex de usuris* hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati: ara **John Francia nomine v. Alfredo Apap**, Kumm. 15 ta' Jannar 1935, Vol. XXIX-III-73, u **Caterina Bonello et v. Giuseppa Lanzon**, 14 ta' Jannar 1964, Vol. XLVIII-III-1363.

[14] Ara **Edwin Vassallo nomine v. Salvatore Ballucci**, P.A. 30 ta' April 1947, Koll. XXXIIIII-64.

jħallas lill-attur bħala sorte huwa ta' erba' mija, tlieta u għoxrin Lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmi (Lm423.71) (ekwivalenti għal disa' mija, sitta u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmi [€986.98]) u mhux ta' erba' mija, ħamsa u disgħin Lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmi (Lm495.29) (ekwivalenti għal elf, mija u tlieta u ħamsin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi [€1,153.72]) kif pretiż fiċ-ċitazzjoni u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ridott imsemmi ta' erba' mija, tlieta u għoxrin Lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmi (Lm423.71) u tiċħad l-appell fil-bqija.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu inkwantu għal sbatax-il parti minn għoxrin ($^{17}/_{20}$) mill-konvenut appellant u tlett partijiet minn għoxrin ($^{3}/_{20}$) mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ld